MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-16 ta' April, 2004

Appell Civili Numru. 1850/1998/1

**M. Vending Limited**

**vs**

**Anthony Mario u Carmen konjugi Vella**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta’ citazzjoni pprezentat fil-Prim’ Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu s-socjetà attrici, wara illi ppremettiet illi l-konvenuti huma debituri taghha fis-somma ta’ elf erba’ mija erbgha u hamsin lira u tnejn u

sittin centesmu (Lm1454.62) rapprezentanti bilanc fuq somma akbar prezz ta' merca lilhom mibjugha u konsenjata kif ukoll prezz ta' riparazzjonijiet ezegwiti mis-socjetà attrici fuq inkariku tal-konvenuti; illi dan il-kreditu tas-socjetà attrici huwa cert, likwidu u dovut kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni guramentata Dok A; talbet ghaliex dik l-Qorti m'ghandhiex: 1 Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tat-trattazzjoni *ai termini* tal-artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili; 2. Tikkundanna lill-konvenut (*sic*) ihallas lis-socjetà attrici s-somma ta' elf erba' mija u erbgha u hamsin lira u tnejn u sittin centezmu (Lm1454.62) dovuti kif fuq intqal; bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 25 ta' Awissu 1998 u tal-mandat ta' qbid kawtelatorju numru 3187/98, il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 3181/98 u bl-imghax legali mill-25 ta' Awissu 1998 sad-data tal-pagament effettiv; il-konvenuti huma ngunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjetà attrici, guramentata minn Alfred Schembri, u l-listi tax-xhieda u tad-dokumenti relativi;

Rat id-digriet tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Lulju, 1994 illi permezz tieghu l-Prim' Awla tal-Qorti Civili ordnat illi l-kawza issir fil-kors normali taghha u tat ghoxrin (20) gurnata zmien lill-konvenuti biex jipprezentaw in-nota ta' eccezzjonijiet taghhom;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti illi permezz taghha eccepew:

1. Illi preliminarjament, is-socjetà attrici qed tippretendi pagament ta' bilanc allegatament dovut fuq somma akbar rapprezentanti hlas ta' merkanzija li giet ikkonsenjata u mibjugha mhux lill-konvenuti *proprio*, izda lis-socjetà Travellers' Lodge Company Limited, fis-sedi ta' l-istess socjetà, u cioè fil-fond “Travellers' Lodge”, Pioneer Road, Bugibba;

2. Illi mhux talli l-merkanzija giet ikkonsenjata originarjament lis-socjetà Travellers' Lodge Company

Limited u fil-fond “Travellers’ Lodge”, talli l-konvenut Anthony Mario Vella dejjem deher in rapprezentanza ta’ tali socjetà;

3. Illi minghajr pregudizzju, u apparti l-kwistjoni ta’ l-identità tal-partijiet, fil-mertu t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda ghaliex infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konsenja tal-merkanzija saret in konsegwenza ta’ kuntratt affett minn kawza illecita, li l-kunsens ghalih gie estort mill-konvenut Anthony Mario Vella b’minacci u b’theddid gravi minn rapprezentanti tal-kumpanija attrici, kif ukoll minn terzi persuni, kif se jirrizulta mill-provi;

4. Illi sar pagament parzjali fuq l-ammont originali permezz ta’ *bank draft*, kif ukoll permezz ta’ pagament fi flus kontanti;

5. Illi inoltre, l-konvenut Anthony Mario Vella, biex jinhall minn kull relazzjoni minn mar-rapprezentanti tal-kumpanija attrici, irritorna parti mill-merkanzija in kwistjoni, u dan bi ftehim bejn il-partijiet;

6. Illi minn zewg magni tal-kaffè, l-impjegati tal-kumpanija attrici hadu lura wahda tal-valur ta’ cirka elf u erba’ mitt lira (Lm1400), u ghaldaqstant hija l-kumpanija attrici stess li tinsab debitrici tas-socjetà Travellers’ Lodge Company Limited, u dan in vista tal-fatt li l-prezz miftiehem tal-merkanzija konsenjata u mhux ritornata huwa inferjuri ghall-ammont imhallas precedentement;

7. Illi dan kollu jinghad minghajr pregudizzju ghad-dritt tal-konvenuti jew tas-socjetà Travellers’ Lodge Company Limited li jitolbu r-ripetizzjoni ta’ l-indebitu in vista tal-fatt li l-ammont imhallas precedentement thallas fuq kuntratt affett minn frodi, coercizjoni u kawza illecita, u ghaldaqstant null u bla effett fil-ligi;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti, konfermata bil-gurament mill-konvenut, u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat is-sentenza tat-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Frar, 2001 illi permezz taghha l-Prim’ Awla tal-Qorti Civili ddecidiet hekk:

“… tilqa’ z-zewg eccezzjonijiet tal-konvenuti, u kwindi tichad it-tieni talba attrici”;

u dana wara illi kkunsidrat hekk:

“Illi mill-provi kollha prodotti … filwaqt li Alfred Schembri sostna li hu dejjem ikkuntratta mal-konvenut personalment, Anthony Mario Vella sostna li hu dejjem deher in rappresentanza tas-socjetà *Travellers’ Lodge Company Ltd*.

“Illi bejn il-partijiet sar *hire-purchase agreement* li jinsab esebit a fol 21 u 22 tal-process. Illi f’din l-iskrittura tezisti kontradizzjoni - dan fis-sens illi filwaqt li fl-ewwel paragrafu meta jissemmew il-partijiet u l-vesti li fihom qed jidhru, il-konvenut tnizzel f’ismu biss; fl-ahhar meta l-partijiet iffirmaw, il-konvenut iffirma ‘*f/Travellers’ Lodge*’. Illi kwindi hemm bzonn li sabiex din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni taghha, thasres ukoll lejn il-kambjala ezebita bhala Dok C (a fol 31 tal-process) u lejn Dok D (fol 32 tal-process) li hu kopja ta’ *statement* ta’ *account* li nfetah mis-socjetà attrici f’isem il-konvenut personali (skond kif qed issostni l-istess socjetà attrici), fejn kienu jnizzlu l-pagament li kienu jircievu kif ukoll jaddebitawh bl-ispejjez tat-tiswijiet li kienu jaghmlu fuq talba tieghu. Il-kambjala hija ffirmata minn Alfred Schembri ghal *M Vending Ltd* u minn Mario Vella. Din immaturat fid-29 t’Awissu 1994.

“Illi jrid jigi rilevat illi fejn fuq din il-kambjala hemm il-firma ta’ Mario Vella hdejh hemm imnizzel ‘*Managing Director*’. Dan hu ferm indikattiv li meta Mario Vella ffirma ghan-nom u in rappresentanza tas-socjetà *Travellers’ Lodge Company Ltd* (*sic*). Dan in vista anki tal-fatt li tali kambjala giet iffirmata fl-istess data li gie ffirmat il-ftehim. *Di più* fuq l-i*statement* ta’ l-*account* imsemmi (Dok D) ukoll jidher li nfetah f’isem Mario Vella kif ukoll *Travellers’ Lodge*.

"Kwindi a bazi ta' dan irrizulta li Mario Vella iffirma ghal *Travellers' Lodge Company Ltd*. Alfred Schembri, anki jekk Mario Vella ma nfurmahx espressament b'dan, kellu ndikazzjonijiet cari li l-istess Mario Vella kien qed jidher f'isem socjetà - apparti l-ftehim u l-kambjala, hu kien jaf ukoll li l-istess magni kienu ghal gol-fond *Travellers' Lodge*.

"Illi ghalhekk din il-Qorti tilqa' z-zewg eccezzjonijiet tal-konvenuti u kwindi tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju."

Rat ir-rikors ta' l-appell tas-socjetà attrici illi permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih esposti, talbet illi s-sentenza appellata tigi revokata billi jigu michuda l-ewwel zewg eccezzjonijiet sollevati mill-appellat (*sic*) u konsegwentement l-atti tal-kawza jigu rinvijati lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni u trattazzjoni fil-meritu skond il-ligi;

Rat illi ma jirrizultax illi l-konvenuti pprezentaw risposta ghall-appell interpost mis-socjetà attrici;

Trattat l-appell;

Ezaminat l-atti tal-process;

Ikkunsidrat:

Illi, fil-kliem testwali tar-rikors ta' appell, l-aggravju tas-socjetà appellanti kontra s-sentenza appellata
"… jikkonsisti f'applikazzjoni inkorretta ta' certi principji legali u anke f'valutazzjoni hazina tal-provi prodotti";

Ikkunsidrat:

Illi bhala regola qorti tat-tieni grad ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi prodotti maghmul minn qorti ta' l-ewwel grad sakemm ma jirrizultawx ragunijiet serji sabiex taghmel hekk;

Il-kaz in ezami huwa wiehed fejn dina l-Qorti ma taqbel xejn ma' l-apprezzament tal-provi prodotti maghmul mill-ewwel Qorti, liema apprezzament wassalha sabiex tikkonkludi illi n-negozju involut fil-kawza ma giex konkluz mis-socjetà attrici mal-konvenuti izda sar mas-socjetà *Travellers' Lodge Company Limited*. Infatti, l-ewwel Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni taghha tista' tghid ghal kollox a bazi ta' dak illi jirrizulta mill-*hire-purchase agreement* esibit u markat dokument 'B' (fol. 21 u 22), mill-kambjala dokument 'C' (fol. 31) u mill-i*statement* dokument 'D' (fol. 32). Dwar id-dokument 'B' l-ewwel Qorti kkonstatat hekk:
"… f'din l-iskrittura tezisti kontradizzjoni - dan fis-sens illi filwaqt li fl-ewwel paragrafu meta jissemmew il-partijiet u l-vesti li fihom qed jidhru, l-konvenut tnizzel b'ismu biss; fl-ahhar meta l-partijiet iffirmaw, il-konvenut iffirma '*f/Travellers' Lodge*'";

dwar id-dokument 'C' ikkonstatat hekk:
"… fejn fuq din il-kambjala hemm il-firma ta' Mario Vella hdejh hemm imnizzel *Managing Director*. Dan hu ferm indikattiv li meta Mario Vella ffirma ghan-nom u in rappresentanza tas-socjetà *Travellers' Lodge Ltd*";

u dwar id-dokument 'D' ikkonstatat hekk:
"… fuq l-istatement ta' l-*account* imsemmi (Dok D) ukoll jidher li nfetah f'isem Mario Vella kif ukoll *Travellers' Lodge*."

Immedjatament wara illi ghamlet dawn il-konstatazzjonijiet, l-ewwel Qorti kkonsidrat u kkonkludiet hekk:
"Kwindi a bazi ta' dan [jigifieri ta' dak illi jirrizulta mill-imsemmija dokumenti, B, C u D] irrizulta li Mario Vella iffirma ghal *Travellers' Lodge Company Limited*. Alfred Schembri, anki jekk Mario Vella ma nfurmahx espressament b'dan, kellu ndikazzjonijiet cari li l-istess Mario Vella kien qed jidher f'isem socjetà …";

Bir-rispett kollu lejn l-ewwel Qorti, dina l-Qorti ma tistax taqbel illi mill-kontenut ta' l-imsemmija dokumenti B, C u D s-socjetà attrici kellha "ndikazzjonijiet cari" li l-konvenut Anthony Mario Vella kien qed jinnegozja f'isem is-socjetà

kummercjali *Travellers' Lodge Company Limited*. Infatti, f'dawn id-dokumenti tissemma biss *Travellers' Lodge*, illi hija *toto cœlo* differenti minn *Travellers' Lodge Company Limited*;

Inoltre, huwa utili illi jigi rilevat illi, ghalkemm fid-dikjarazzjoni guramentata annessa man-nota ta' l-eccezzjonijiet u fl-*affidavit* tieghu l-konvenut Anthony Mario Vella jghid illi huwa dejjem deher in rapprezentanza tas-socjetà *Travellers' Lodge Company Limited*, l-istess konvenut ma jghidx illi lis-socjetà attrici infurmaha illi huwa kien qed jipprezenta ruhu in rapprezentanza ta' l-istess socjetà. Il-prevenzjoni, ghalhekk, hija illi kwantu ghan-negozju in kwistjoni l-imsemmi konvenut kien qed jidher personalment;

Dina l-Qorti, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet u wara illi ezaminat il-provi kollha prodotti, hija konvinta illi n-negozju in kwistjoni l-konvenut Anthony Mario Vella kkuntrattah f'ismu propriju. Konsegwentement hemm lok ghal akkoljiment ta' l-appell interpost mis-socjetà attrici billi tigi revokata s-sentenza appellata, billi jigu respinti l-ewwel zewg (2) eccezzjonijiet tal-konvenuti u billi l-atti jigu rinvijati quddiem l-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni tat-trattazzjoni tal-kawza skond il-ligi;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi illi tilqa' l-appell tas-socjetà attrici billi tirrevoka s-sentenza appellata, billi tichad l-ewwel zewg (2) eccezzjonijiet tal-konvenuti u billi tordna illi l-atti tal-kawza jigu rinvijati quddiem l-ewwel Qorti sabiex l-istess kawza tkompli tigi trattata u tigi deciza skond il-ligi;

Tordna illi l-ispejjes ta' l-ewwel istanza dovuti sa issa u dawk ta' din l-istanza jigu sopportati kollha mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------